

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1065/2013

tat-30 ta' Ottubru 2013

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Repubblika tal-Perù applikat biex tirreġistra "Pisco" bħala indikazzjoni ġeografika fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament. "Pisco" huwa l-ispirtu tal-frott tradizzjonalment prodott fil-Perù, mill-fermentazzjoni u d-distillazzjoni tal-għeneb.
- (2) L-ispeċifikazzjonijiet ewlenin tal-fajl tekniku għal "Pisco" ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>(2)</sup> għall-finijiet tal-proċedura ta' oġġezzjoni, skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008. Peress li l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni skont l-Artikolu 17(7) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.
- (3) Skont il-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn

naħa waħda, u r-Repubblika ta' Ċili, min-naħa l-oħra, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/979/KE<sup>(3)</sup>, "Pisco" hija denominazzjoni protetta għal xarbiet spiritużi li joriġinaw fiċ-Ċili. Għalhekk, għandu jiġi kkjarifikat li l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Pisco" għal prodotti li joriġinaw fil-Peru ma jxekkklux l-użu ta' tali denominazzjoni għal prodotti li joriġinaw fiċ-Ċili.

- (4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għax-Xorb Spirituż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, fil-kategorija ta' prodott Nru "9. Spirtu tal-frott" tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

	"Pisco (*)	Il-Perù
(*) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika 'Pisco' skont dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-użu tal-isem 'Pisco' għal prodotti li joriġinaw fiċ-Ċili protetti skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili tal-2002."		

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

(<sup>1</sup>) ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

(<sup>2</sup>) ĠU C 141, 12.5.2011, p. 16.

(<sup>3</sup>) ĠU L 352, 30.12.2002, p. 1.